**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum 3 t' Awwissu, 2026**

**Rikors numru: BCT/34/2026**

**Membri:**

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

---

**Mark Borg**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell li sar mid-decizjoni datata 30 ta' Marzu, 2026 permezz ta' liema l-Awtorita` intimata imponiet fuq l-appellanti il-multa amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) u dana peress illi fis-27 ta' Marzu, 2026 instab ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarha 623.08 Xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz inkluz tfal. Permezz tal-appell prezentat minn Sasha Scicluna a nom ta' Terracore, l-appellanti jikkontendi li "*in our capacity as contractors, we should not be directly involved in this matter. The client, Smartcare Supermarket, has been in direct correspondence with the Building and Construction Authority, and therefore we should not have been included in this process. Notwithstanding the above, upon being made aware of the situation, we acted immediately to resolve the issue and ensure that all works were brought into compliance*".

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin jkun anness u mmarkat bhala Dok BCA1 – Affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita`, in sostenn tal-penali amministrattiva imposta.*
3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-affidavit prezentat mill-Awtorita`.

Ra li l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

**Ikkunsidra**

Illi dan l-appell jikkoncerna penali amministrattiva ta' hames mitt euro (€500) li giet imposta mill-Awtorita`appellata fuq l-appellanti in vista ta' allegat ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08, konsistenti minn xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-access ghall-pubbliku inkluz tfal, dana referibilment ghad-data tas-27 ta' Marzu, 2026 dana kif indikat fid-decizjoni appellata.

Illi t-Tribunal ra li l-penali giet imposta abbazi tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 fejn ir-regolament numerat 6 jirregola b'mod mill-aktar car il-mod illi bih barrikati ghas-siti ta' kostruzzjoni ghandhom jittellghu. B'mod partikulari ir-regolament 6(c) tat-Tieni Skeda jipprovdi testwalment:

> *ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon tal-*

*Awtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu l-aċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal.*

Illi, kif inghad, permezz tal-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li fl-ewwel lok, il-kuntratturi ma kellhomx ikunu involuti fil-kaz gjaldarba s-sidien kienu f'kuntatt mal-Awtorita` u wkoll li, fi kwalunkwe kaz, ha l-passi kollha mehtiega sabiex is-sit ma jkun ta' periklu.

It-Tribunal jinnota li minkejja l-opportunita` kollha koncessa lill-appellanti sabiex isostni l-appell tieghu bi provi, l-appellanti naqas f'dan ir-rigward tant illi kien biss fil-5 ta' Mejju, 2026 li deher Chris Magro ghall-appellanti li ddikjara li Mark Borg huwa s-site manager ghal IAS Ltd u Terracore kien il-kuntrattur tax-xoghol imqabbad minn IAS. Minkejja t-terminu moghti ghall-prezentata tal-provi, l-appellanti naqsu milli jressqu l-provi taghhom u wkoll milli jattendu ghas-seduti.

Illi permezz tal-affidavit tieghu, l-ufficjal tal-Awtorita` jiddikjara li fis-27 ta' Marzu, 2026 acceda fuq is-sit u sab "*part of gate which was short leading onto a 3-4 story (sic) drop into exacavated site. Contacted SM Mr. Mark Borg, who said that it would be seen to immediately.*" Mal-istess affidavit gew prezentati wkoll ritratti.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita` (konfermat ukoll mill-appellanti kif verbalizzat waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2026 hawn fuq citata) li l-appellanti kien is-*site manager* responsabbli mis-sit u kwindi ghamlet sew l-Awtorita` li harget il-penali fil-konfront tieghu. Fir-rigward tal-mertu jirrizulta li dan ukoll mhux kontestat tant illi l-appellanti jikkontendi li ttiehdu l-mizuri mehtiega sabiex ix-xtiebi jigu rezi skont il-ligi minnufih. B'hekk l-appellanti ma jikkontestax dak li jirrizulta palezement mir-ritratti fejn l-access ghas-sit jirrizulta miftuh u b'perikolu ghall-pubbliku. Il-fatt li ttiehdet azzjoni fl-iqsar zmien possibbli ma jservix sabiex jehles lill-appellanti mir-responsabilita` tieghu skont il-ligi. Ulterjorment, it-Tribunal jinnota wkoll li, tenut kont tan-natura tan-nuqqas ravvizat fir-rigward ta' barrikati ghas-sit, l-Awtorita` imponiet il-penali minima u kwindi ma hemmx lok ghal tnaqqis ulterjuri.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-Awtorita` irnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-appellanti.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 30 ta' Marzu, 2026.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Philip M. Magri** | **Perit Robert Sarsero** | **Ing. Anthony Camilleri** |
| Chairperson | Membru | Membru |